**A.L. 153 ta' l-2003**

**ATT TA' l-2001 DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA***

**(ATT NRU. XXVI TA' L-2001)**

**Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tat-Telekomunikazzjonijiet**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tat-Telekomunikazzjonijiet u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tat-Telekomunikazzjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 16 ta' l-2003.

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "elf lira" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "għaxart elef lira" għal kull kontravvenzjoni u elf lira għal kull ġurnata li matulha jibqa' jkun hemm dik il-kontravvenzjoni".

**L.N. 153 of 2003**

## DATA PROTECTION ACT

## (ACT NO. XXVI OF 2001)

### Processing of Personal Data (Telecommunications Sector) (Amendment) Regulations, 2003

IN exercise of the powers conferred by article 54 of the Data Protection Act, 2001, the Minister for Information Technology and Investment has made the following regulations:–

Citation.

**1.** The title of these regulations is the Processing of Personal Data (Telecommunications Sector) (Amendment) Regulations, 2003 and they shall be read and construed as one with the Processing of Personal Data (Telecommunications Sector) Regulations, 2003, hereinafter called "the principal regulations".

L.N. 16 of 2003.

Amendment of regulation 14 of the principal regulations.

**2.** In regulation 14 of the principal regulations, for the words "one thousand liri" there shall be substituted the words "ten thousand liri for each violation and one thousand liri for each day during which such violation persists".

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 2ċ – *Price 2c*